MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Numru 413/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**VS**

**ANOUSKA FENECH**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anouska Fenech ta' 24 sena, imwielda tal-Pieta' nhar it-23 ta' Mejju, 1980, bint John Fenech u Sylvia nee' Bugeja, residenti fil-fond numru 19, Triq il-Barbagann, San Gwann, detentrici tal-karta tal-identita' numru 261080 (M) ;

Akkuzata talli fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Marzu, 2005, f'San Giljan, ikkommettiet serq ta' *mobile phone* tal-marka

*Sharp GX20* ghad-dannu ta’ Anna Marie Micallef, liema serq huwa aggravat fil-valur u bil-hin;

U aktar talli fl-istess lejl u/jew fil-granet ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghat ghandha u/jew xtrat hwejjeg misruqa, mehdua b’qerq, jew akkwistati b’reat u cioe’ *mobile phone* tal-marka *Sharp GX20ii* li ghandu l-valur ta’ mija u ghorxin lira maltin (Lm120.00) ghad-dannu ta’ Anna Marie Micallef;

U aktar talli fl-istess lejl u/jew fil-granet ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, kienet taf li xi haga li kienet fil-pussess taghha kienet xi haga misruaq, mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqset li tgharraf lill-pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kienet saret taf.

Rat l-ammissjoni tal-imputata fl-aktar stadju bikri tal-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputata wara li inghatat zmien skond il-Ligi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza;

Rat l-Artikolu 261, 267, 270, 334 u 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-fedina penali netta tal-imputata, u l-eta’ tenera taghha;

Semghet il-partijiet jittrattaw il-piena;

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata Anouska Fenech hatja tal-ewwel akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet akkuzi, u *in vista* tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-istess imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------